*appell minn sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar mhuwiex ammissibbli fejn l-ammont in kwistjoni ma jkunx jaqbeż l-elf u ħames mitt Euro (€1,500) - il-Qorti tista' tikkonsidra l-appell, irrispettivament mill-ammont involut fil-kwistjoni bejn il-partijiet, meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 138/2021 LM

**J&K Car Rentals Co. Ltd (C 67554)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Silvan Seisun (K.I. nru. 320281M)** *('l-appellant')*
**u Jean Pierre Bonnici (K.I. nru. 552383M)**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Silvan Seisun**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar

[minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] tal-31 ta’ Mejju, 2022 [hawnhekk ‘is-sentenza appellata’] li permezz tagħha it-Tribunal ħa konjizzjoni tan-nota ta’ ċessjoni tas-soċjetà rikorrenti **J&K Car Rentals Co. Ltd (C 67554)** [hawnhekk ‘is-soċjetà appellata’] fil-konfront tal-intimat **Jean Pierre Bonnici**, u b’hekk iddikjara l-azzjoni mitmuma fil-konfront tal-istess; laqa’ t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti kif diretti kontra Silvan Seisun, u konsegwentement ikkundannah għall-ħlas tal-ammont ta’ elf, mija u ħamsa u ħamsin Euro (€1,155) bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b’rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, liema rata tal-imgħax ġie deċiż li għandha tiddekorri b’effett mid-data tal-ftuħ tal-kawża, u iddikjara li b’din id-deċiżjoni għandha tibqa’ impreġudikata kull azzjoni spettanti lil Seisun fil-konfront ta’ Bonnici jew persuni oħrajn.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija topera negozju ta’ kiri ta’ vetturi, u li għall-perijodu bejn il-31 t’Awwissu, 2020 u s-26 ta’ Diċembru, 2021, kriet lill-intimati, jew min minnhom, il-vettura AQZ 376. Qalet li l-kera dovuta lilha għall-perijodu msemmi, inkluż il-VAT, tammonta għal €1,755, u minn dan l-ammont hija tħallset biss is-somma ta’ €600, sabiex b’hekk fadal bilanċ ta’ €1,155 li għadu dovut lilha.

3. L-intimat Jean Pierre Bonnici wieġeb li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f’dawn il-proċeduri, u għalhekk talab li jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

4. L-intimat Silvan Seisun wieġeb li huwa m'għandu l-ebda ftehim dwar kiri ta' vetturi mas-soċjetà rikorrenti, u li kien Jean Pierre Bonnici li ffirma l-ftehim mas-soċjetà rikorrenti.

5. Permezz ta' nota ppreżentata mis-soċjetà rikorrenti fil-25 ta' Jannar, 2022, hija ċediet il-kawża limitatament fil-konfront ta' Jean Pierre Bonnici.

**Mertu**

6. **Joseph Schembri**, għan-nom tas-soċjetà rikorrenti, xehed quddiem it-Tribunal li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti. Qal li Jean Pierre Bonnici kien kera vettura mingħandu f'Awwissu tal-2021, u dan kien qallu li l-vettura riedha għal klijent tiegħu Silvan Seisun. Qal li Bonnici ma kienx mar għandu biex jiffirma l-ftehim ta' kiri tal-vettura, iżda kien mar għand wieħed mill-ħaddiema tal-kumpannija. Qal li Bonnici kien tah madwar €600 għax kien qallu li dak kien l-ammont li kellu jagħti għall-kiri tal-vettura. Żied jgħid li eventwalment kien qam argument dwar min kellu jħallas il-bilanċ dovut, jekk hux Bonnici jew Seisun. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li Seisun kien interpellat għall-ħlas, dan baqa' inadempjenti.

7. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li huwa dejjem tkellem ma' Jean Pierre Bonnici. Qal ukoll li Bonnici kien infurmah li d-differenza fil-prezz kienet ser titħallas minn Seisun, u żied jgħid li huwa ma jafx Bonnici u Seisun x'kienu ftiehmu bejniethom. Qal ukoll li huwa ma jiftakarx l-ammont ta' sitt mitt Euro meta kien tħallas minn Bonnici.

8. **Jean Pierre Bonnici** fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal qal li huwa kellu jagħmel xi xogħol fuq il-vettura ta' Seisun, imma ma kienx laħaq lesta x-xogħol fil-ħin. Qal li huwa jaħdem bħala *sprayer* tal-vetturi. Qal li Seisun ikollu bżonn il-karozza għal raġunijiet ta' xogħol. Qal li kien għalhekk li huwa kera vettura mingħand is-soċjetà rikorrenti, u huwa kien ħallas l-ammont li kien dovut sakemm lesta x-xogħol fuq il-vettura ta' Seisun, imma Seisun żamm il-vettura għandu u baqa' jiġri biha, sakemm eventwalment irritornaha. Qal ukoll li minkejja li huwa kien lesta x-xogħol fuq il-vettura ta' Seisun, dan baqa' ma marx jiġbor il-vettura tiegħu mingħandu.

9. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, Bonnici qal li huwa kera l-vettura għal perijodu ta' ħames ġimgħat. Qal li huwa ħallas għall-perijodu tal-kirja tal-vettura sakemm lesta x-xogħol li kellu jagħmel fuq il-vettura ta' Seisun. Qal ukoll li kif lesta dan ix-xogħol, huwa ħallas l-ammont dovut lis-soċjetà rikorrenti, u infurmaha li l-vettura li kien qiegħed jaħdem fuqha kienet lesta.

10. **Silvan Seisun**, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal qal li huwa kellu vettura li kellha bżonn l-i*spray,* u għalhekk kien inkariga lil Jean Pierre Bonnici. Qal li dan kellu xi problemi, u għal xi żmien huwa kien għalaq il-garaxx minn fejn kien jaħdem, u minħabba dan id-dewmien kien qabel li jikri vettura għall-użu ta' Seisun. Qal li meta Bonnici kien infurmah li x-xogħol fuq il-vettura tiegħu kien lest, huwa kien iddeċieda li jżomm il-vettura tal-kiri għal ġimgħa oħra għaliex din kienet mimlija bid-*diesel,* u żied jgħid li għalhekk huwa għamel biss madwar ġimgħa żejda bil-vettura tal-kiri. Qal ukoll li min-naħa tiegħu huwa qatt ma laħaq xi tip ta' ftehim mas-soċjetà rikorrenti. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, Seisun qal li Bonnici dam biex lesta x-xogħol li kellu jagħmel fuq

il-vettura tiegħu. Qal ukoll li b'kollox il-vettura tiegħu damet għand Bonnici madwar tmien xhur. Żied jgħid li xi żmien wara huwa rċieva telefonata mingħand wieħed mid-diriġenti tas-soċjetà rikorrenti, li qallu li kellu xi pendenzi x'jagħti rigward il-kiri tal-vettura. L-intimat qal li Bonnici lilu kien talbu l-liċenzja, u kien għalhekk li dan seta' jikri l-vettura f'ismu.

## Is-Sentenza Appellata

11. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2022, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti kif dedotti kontra l-intimat Seisun, għandhom jiġu milqugħa, u konsegwentement Seisun ġie kkundannat iħallas l-ammont ta' €1,155 bl-imgħax mid-data tal-ftuħ tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv, filwaqt li ddikjara wkoll li tibqa' impreġudikata kull azzjoni spettanti lil Seisun fil-konfront ta' Bonnici u/jew ta' persuni oħra, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**<u>Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>***
>
> *Permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi titlob li ż-żewġ konvenuti jew xi wieħed minnhom ikunu kkundannati jħallsuha s-somma ta' elf u mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€1,155) rappreżentanti l-kirja tal-vettura AQZ 376 bejn il-31 ta' Awwissu, 2020 u s-26 ta' Diċembru, 2021.*
>
> In primis*, fid-dawl tan-nota ta' ċessjoni relattiva, it-Tribunal iqis li mhuwiex neċessarju li jqis aktar ir-risposta tal-konvenut Jean Pierre Bonnici.*
>
> *Min-naħa tiegħu, il-konvenut Silvan Seisun eċċepixxa li huwa ma kien għamel l-ebda ftehim mas-soċjetà attriċi u qal li fil-fatt, kien Jean Pierre Bonnici li ftiehem mas-soċjetà attriċi.*
>
> *Għalhekk, dan it-Tribunal għandu biss jeżamina jekk, jew safejn, it-talbiet tas-soċjetà attriċi humiex ġustifikati in kwantu diretti kontra Silvan Seisun.*

*Joseph Schembri xehed li hu kien wieħed mid-diretturi tas-soċjetà attriċi u li l-konvenut Jean Pierre Bonnici kien kera vettura mingħandu sabiex ikun jista' jaqdi lil Silvan Seisun, li kien klijent tiegħu. Pagament ta' sitt mitt Ewro ġie mgħoddi lilu parzjalment mingħand Bonnici u parzjalment mingħand Seisun. Huwa qal li t-total dovut għall-kirja kien madwar elf u tmien mitt Ewro. F'dan il-punt, Schembri kkonferma li l-bilanċ ta' elf u mija u ħamsa u ħamsin Ewro kien għadu pendenti. In kontro-eżami, Schembri qal li huwa dejjem tkellem mal-konvenut Silvan Seisun (ara fol. 39).*

*Jean Pierre Bonnici xehed li huwa kien jaħdem bħala* sprayer *u li kien qiegħed jaħdem fuq vettura ta' Seisun iżda ma laħaqx lestieha fi żmien partikolari. Għalhekk, kellu jikrilu vettura sabiex l-istess Seisun ikun jista' jinqeda. Qal li huwa avviċina lis-soċjetà attriċi u ħallas lis-soċjetà attriċi sitt mitt Ewro li kienu jkopru l-ewwel ftit ġimgħat. Bonnici spjega li minkejja li fil-frattemp, huwa lesta x-xogħol fuq il-vettura proprja ta' Seisun, l-istess Seisun baqa' juża l-vettura mikrija u ma marx jiġbor il-vettura proprja tiegħu mingħand Bonnici. In kontro-eżami, Bonnici qal li l-vettura kienet inkriet għal madwar ħames ġimgħat u li hu kien ħallas lis-soċjetà attriċi sakemm dam biex lesta x-xogħol fuq il-vettura proprja ta' Seisun.*

*F'dan l-istadju reġa' ġie msejjaħ sabiex jixhed Joseph Schembri. Dan qal li ma kienx jaf meta tħallas l-ammont ta' sitt mitt Ewro.*

*Silvan Seisun xehed li huwa kellu vettura li kien taha lil Bonnici sabiex dan jisprejjahielu. Ġara iżda li Bonnici kellu xi problemi matrimonjali u spiċċa biex għalaq il-garaxx tiegħu. Konsegwentement, Seisun dam madwar ħames xhur mingħajr vettura. Bonnici offrielu li jikrilu vettura u fil-fatt kera vettura f'isem Seisun. Seisun imbagħad qal li huwa qatt ma kien ra b'għajnejh lil tal-kiri. Sar ukoll kontro-eżami lil Seisun.*

*F'dan il-każ, it-Tribunal ra ċar li fix-xhieda tagħhom, iż-żewġ konvenuti essenzjalment iwaħħlu f'xulxin. Però, stante li s-soċjetà attriċi ċediet il-kawża fil-konfront ta' Jean Pierre Bonnici, it-Tribunal għandu jdejh marbutin u huwa prekluż milli jikkunsidra jekk, fil-fatt, Bonnici huwiex id-debitur. It-Tribunal għandu biss jara jekk is-soċjetà attriċi għandhiex raġun inkwantu l-pretensjonijiet tagħha huma diretti kontra Silvan Seisun. Min-naħa l-oħra, l-unika eċċezzjoni tal-konvenut Seisun hija li huwa ma daħal f'ebda ftehim mas-soċjetà attriċi u li kien Bonnici li daħal fil-ftehim relattiv.*

*Ħadd mill-partijiet ma kkontradixxa ċ-ċifra ta' elf u mija u ħamsa u ħamsin Ewro (liema ċifra ġiet ikkonfermata minn Schembri taħt ġurament). Huwa wkoll evidenti li*

*kienu x'kienu l-arranġamenti, Seisun kien l-*end user *ta' vettura li nkriet mingħand is-soċjetà attriċi.*

*It-Tribunal jenfasizza li ladarba hemm in-nota ta' ċessjoni, huwa ma jistax jikkundanna lil Bonnici jħallas imqar parti mill-ammont dovut lis-soċjetà attriċi kemm-il darba jirriżulta mill-eżami tal-provi li d-dewmien fl-isprejjar kien unikament jew fil-maġġor parti tiegħu, ħtija tal-istess Bonnici.*

*Stante li Seisun kien l-*end user *tal-vettura u stante li ma kienx kontradett li huwa għamel użu mill-vettura, it-Tribunal ma jemminx li għandu għażla ħlief li jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi inkwantu diretti kontra Seisun, b'dan iżda li tibqa' impreġudikata kull azzjoni spettanti lil Seisun fil-konfront ta' Bonnici u/jew persuni oħra.*

***<u>Decide</u>***

*Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:*

*i. Wara li ra n-nota ta' ċessjoni tas-soċjetà attriċi ppreżentata matul l-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2022, jieħu konjizzjoni tal-istess nota u konsegwentement jiddikjara l-azzjoni tas-soċjetà attriċi mitmuma fil-konfront tal-konvenut Jean Pierre Bonnici;*

*ii. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi kif diretti kontra Silvan Seisun u konsegwentement jikkundannah iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€1,155), bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mill-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv;*

*iii. Jiddikjara li tibqa' impreġudikata kull azzjoni spettanti lil Seisun fil-konfront ta' Bonnici u/jew persuni oħra.*

*It-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Silvan Seisun iħallas lis-soċjetà attriċi l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali 768/2021 (ara fol. 48) u mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 769/2021 (ara fol. 49 tal-proċess).*

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut Silvan Seisun."*

## <u>L-Appell</u>

12. L-intimat Seisun ħassu aggravat b'din is-sentenza, u interpona appell minnha permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2022, li

permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata *in toto* u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

13. L-appellant qal li t-Tribunal kellu jikkonsidra l-kunċett ta' *res inter alios acta,* u dan għaliex il-kuntratti, kemm dawk bil-miktub kif ukoll dawk bil-fomm, jorbtu biss lil dawk li jikkuntrattawhom. Qal li l-intimat Bonnici, *spray painter* tal-karozzi, minħabba raġunijiet personali kien dam żmien twil biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ fuq il-vettura tal-appellant, u biex jirranġa miegħu offra li jikrilu vettura minn fejn ried hu, ma' min deherlu hu, bil-kundizzjonijiet li deherlu hu, u bir-rati li ried hu. L-appellant qal li x-xogħol fuq il-vettura tlesta minn Jean Pierre Bonnici, u wara li ħallas għal dan ix-xogħol, huwa beda jirċievi l-kontijiet għall-użu tal-vettura. L-appellant qalli huwa interessanti li s-soċjetà appellata ressqet it-talbiet tagħha kontra tiegħu u mhux kontra Jean Pierre Bonnici. L-appellant qal li t-Tribunal huwa kompletament żbaljat fir-raġunament tiegħu, u dan għaliex mill-provi jirriżulta li Jean Pierre Bonnici kkonferma li kien hu li kera l-vettura, u li ħallas għaliha u li għamel l-arranġamenti meħtieġa. L-appellant qal li huwa qatt ma kellu relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetà appellata, u għalhekk bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika. Qal ukoll li l-unika relazzjoni ġuridika li kien hemm kienet bejn is-soċjetà appellata u Jean Pierre Bonnici. L-appellant qal li t-Tribunal ħareġ b'teorija ġdida meta tefa' r-responsabbilità għall-ħlas fuq l-*end-user* tal-vettura. Qal li dan huwa argument fallaċi, u biex jiġi aċċettat dan il-kunċett irid ikun hemm prokura, li turi li min mar jixtri s-servizz huwa l-mandatarju li jista' jipprova li ma kienx qiegħed jixtri f'ismu iżda f'isem ħaddieħor. L-appellant qal li dan ma kienx il-każ. Żied jgħid li min jikri vettura jrid jagħmel il-kitba u jimla ċerti dettalji minħabba l-

assikurazzjoni obbligatorja, iżda f'dan il-każ ma nġieb l-ebda dokument iffirmat minnu. Qal li għalhekk anki l-provi miġjuba mhumiex ċari.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. Is-soċjetà appellata wieġbet billi eċċepiet in-nullità tar-rikors tal-appell intavolat mill-appellant. Qalet li l-artikolu 8(3) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal jista' jsir biss fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(2) jaqbeż l-elf u ħames mitt Euro (€1,500). Qalet li s-somma mertu ta' dan l-appell hija ta' €1,155 bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv, u din is-somma hija inferjuri għall-€1,500 stipulati fil-liġi. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għas-subinċiż (2) tal-artikolu 8 tal-Kap. 380, li jipprovdi għaċ-ċirkostanzi l-oħra kollha fejn jista' jsir appell indipendentement mill-ammont tat-talba, jiġifieri fejn l-appell isir fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2) tal-Kap. 380; u meta t-Tribunal ikun mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat id-drittijiet ta' min jappella. Qalet li għalhekk isegwi li mhux konsentit appell li jkun ibbażat fuq aggravji li ma jinkwadrawx ruħhom taħt xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti stipulati taħt is-subinċiż (2).

15. Is-soċjetà appellata qalet li l-aggravju tal-appellant huwa fuq apprezzament żbaljat tal-provi, u għalhekk dan ma jaqax taħt xi waħda miċ-ċirkostanzi kkontemplati fis-subinċiż (2).

16. Mingħajr preġudizzju għal dan, is-soċjetà appellata qalet li fix-xhieda tiegħu l-appellant ammetta li kien jaf li l-vettura kienet tal-kiri, u ammetta wkoll li huwa kien żammha wara li l-vettura tiegħu ġiet ritornata lilu minn Jean Pierre Bonnici. Qalet li fix-xhieda hemm diskrepanza dwar it-tul ta' żmien li l-appellant żamm il-vettura għandu. Qalet li għal din ir-raġuni l-appellant intalab jippreżenta kopja taċ-ċekk li permezz tiegħu huwa kien ħallas lil Jean Pierre Bonnici, sabiex setgħet tiġi kkonfermata d-data ta' meta x-xogħol fuq il-vettura tal-appellant kien tlesta, u jsir paragun mad-data li fiha l-appellant jgħid li rċieva l-vettura tiegħu lura. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellant baqa' ma ppreżentax dan iċ-ċekk, u għalhekk dan in-nuqqas ta' prova jkompli jxejjen ix-xhieda tiegħu. Qalet ukoll li t-Tribunal kien korrett meta qies min kien l-*end-user* tal-vettura, għaliex din kienet fil-pussess esklussiv u għat-tgawdija tal-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant, in vista tar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan filwaqt li tqis ukoll il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal kif jirriżultaw fis-sentenza appellata. Imma qabel xejn, il-Qorti sejra tqis jekk dan l-appell għandux jitqies ammissibbli, in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 8(3) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt jirriżulta li l-kwistjoni odjerna hija dwar ħlas ta' bilanċ li ġie likwidat li jammonta għal €1,155 bl-imgħax dovut fuq dan l-ammont li għandu jiġi kkalkolat mid-data tal-preżentata tal-kawża mis-soċjetà rikorrenti. Il-kwistjoni odjerna għalhekk hija dwar ammont li huwa inqas mill-€1,500 stipulati mil-leġislatur biex ikun jista' jsir

appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar quddiem din il-Qorti. Il-leġislatur iżda, ipprovda għal numru ta' sitwazzjonijiet fejn din il-Qorti tista' tikkonsidra l-appell, irrispettivament mill-ammont involut fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u dan permezz tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 380, li jgħid illi:

> "8(2) Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:
>
> (a) Fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;
> (b) Fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;
> (c) Fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2);
> (d) Meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella."

18. Huwa ċar li f'dan il-każ l-aggravju tal-appellant ma jistax jitqies li jaqa' taħt xi wieħed mill-ewwel tliet kapi ta' dan is-subartikolu tal-liġi. L-appellant qiegħed jilmenta mill-fatt li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra ċerti prinċipji legali, bħal ma huwa l-prinċipju ta' *res inter alios acta,* il-fatt li huwa ma kienx parti mill-ftehim bejn is-soċjetà appellata u t-terz (Bonnici), u l-fatt li huwa ma kellu għalhekk l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà appellata. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, dan huwa każ fejn l-aggravju tal-appellant jaqa' taħt ir-raba' element ikkontemplat fl-imsemmi subinċiż, u dan għaliex huwa ċar minn dak li nkiteb fir-rikors tal-appell, li l-appellant qiegħed iqis li t-Tribunal ma mexiex mal-prinċipju tal-ekwità, naqas milli japplika prinċipji legali għaċ-ċirkostanzi u għall-provi li kellu quddiemu, u b'hekk ta deċiżjoni li mhijiex ekwitattiva. Dan wassal biex inħoloq il-preġudizzju li qiegħed jilmenta minnu l-appellant.

19. Il-Qorti tirrileva li fl-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, il-provi miġjuba mill-partijiet huma skarsi għall-aħħar. Fil-fatt mill-atti proċesswali ma jirriżulta l-ebda ftehim li jirregola l-kiri tal-imsemmija vettura, ir-rata li biha din il-vettura inkriet, it-tul ta' żmien li għalih inkriet din il-vettura, u b'liema mod is-soċjetà appellata waslet għall-bilanċ tal-prezz reklamat minnha. It-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, aċċetta li l-ammont huwa dovut abbażi tal-fatt li ħadd mill-partijiet ma kkontesta l-ammont mitlub mis-soċjetà appellata, u wara li kkonsidra li dan l-ammont ġie kkonfermat bil-ġurament tad-direttur tas-soċjetà appellata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatturi iżda mhumiex suffiċjenti sabiex hija tkun moralment konvinta li l-ammont pretiż mis-soċjetà appellata huwa dovut, jew li dan għandu jitħallas mill-appellant. Fl-ewwel lok irid jingħad, li bl-ebda mod ma ġiet stabbilita r-relazzjoni ġuridika li għandu l-appellant mas-soċjetà appellata. Ma ġiet esebita l-ebda kopja tal-ftehim ta' kiri tal-vettura, u minn dak li ngħad mix-xhieda, hemm konfużjoni sħiħa dwar it-terminu tal-kiri tal-imsemmija vettura. Dan għaliex filwaqt li s-soċjetà appellata tgħid li l-vettura inkriet għall-perijodu bejn il-31 t'Awwissu, 2020 u s-26 ta' Diċembru, 2021, jiġifieri għal perijodu ta' kważi sittax-il xahar, Jean Pierre Bonnici fix-xhieda tiegħu qal li huwa kera l-vettura għal ħames ġimgħat, u li kien l-appellant Seisun li żamm il-vettura mikrija fil-pussess tiegħu għal żmien ferm itwal minn dak miftiehem. Min-naħa tiegħu Seisun xehed li huwa żamm il-vettura għal ġimgħa waħda biss wara li Bonnici spiċċa jaħdem fuq il-vettura tiegħu proprja, u dan għaliex kien laħaq mela t-tank tad-*diesel* tal-vettura tal-kiri. Din l-istqarrija ma tagħmel l-ebda sens, hekk kif inhu magħruf li f'din il-linja ta' negozju, vetturi li jinkrew iridu jiġu ritornati mimlija bil-*fuel,* iżda dan mhux il-mertu li trid tiddeċiedi dwaru din il-Qorti. In vista tan-nuqqas ta' provi da parti tas-soċjetà

appellata, u l-inverosimiljanzi li jirriżultaw mix-xhieda mogħtija quddiem it-Tribunal, din il-Qorti ssibha ferm diffiċli tasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal. Il-Qorti tippreċiża li kien hemm wisq domandi li baqgħu mhux imwieġba, partikolarment dwar il-ftehim tal-kiri tal-vettura, u għal liema raġuni s-soċjetà appellata ċediet l-atti fil-konfront ta' Jean Pierre Bonnici, meta huwa ċar li l-ftehim tal-kiri tal-vettura ntlaħaq ma' Bonnici u mhux mal-appellant. Għandu raġun l-appellant jgħid li l-ftehim bejn Bonnici u s-soċjetà appellata huwa *res inter alios acta* għalih, għaliex huwa ma kellu l-ebda kontroll fuq dak li ġie miftiehem, fuq ir-rati li ftiehmu dwarhom il-partijiet l-oħra f'dawn il-proċeduri, u għalhekk issa m'għandux ikun hu li jintalab jagħmel tajjeb għall-ammont dovut. Fil-fehma tal-Qorti, applikati l-prinċipji tal-ekwità għall-fattispeċi ta' dan il-każ, il-konklużjoni m'għandhiex tkun li l-appellant għandu jiġi kkundannat jagħmel tajjeb għall-ammont pretiż mis-soċjetà appellata, u dan in vista tan-nuqqas ta' provi dwar l-ammont dovut, dwar it-tul ta' żmien li matulu l-vettura kienet mikrija, u dwar it-tul ta' żmien li fih Seisun żamm għandu l-vettura mikrija, meta huwa kellu jirritornaha hekk kif Bonnici jlesti x-xogħol li kien qiegħed jagħmel fuq il-vettura proprja tiegħu. Is-soċjetà appellata kellha ġġib provi ferm aktar konklussivi u konvinċenti minn dawk li ġabet jekk riedet tirnexxi fl-azzjoni tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tilqgħu, u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**